**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-14 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 205/2018 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**MM**
**Vs**
**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MM datat 30 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet wild minuri MCM , li twieldet nhar X (ara c-certifikati tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minhabb agir aggressiv, possessiv u kontrolluz da parti tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti u tal-minuri, u ghaldaqstant hija tixtieq li tirregola l-kura u kustodja, il-manteniment u l-access tal-imsemmija minuri, fost affarijiet ohra relatati mal-minuri, u di fatti ipprosegwiet permezz ta' proceduri ta' medjazzjoni;*

3. *Illi minhabba l-qaghda li kienet qed tghix fiha, l-esponenti intavolat rikors fl-att tal-Ittra ta' medjazzjoni u din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-kura u kustodja tibqa' kongunta bejn il-partijiet, li l-minuri tirrisjedi mal-esponenti, nharget*

*Ordni ta' Protezzjoni a favur l-esponenti, u li l-konvenut ikollu access taht supervizjoni mal-minuri (ara Dok B). In oltre, din il-Qorti ordnat ukoll l-gheluq tal-process ta' medjazzjoni u l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'dil-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz tal-imsemmi digriet datata sitt (6) ta' Gunju tas-sena 2018 (ara Dok B);*

*Jgħid għalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna l-kura u kustodja tal-minuri MCM tkun fdata f'idejn l-esponenti, u sabiex l-esponenti tiehu dawk id-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha, mal-hrug tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri minghar il-kunsens tal-konvenut;*

2. *Tordna li l-msemmi minuri tirrisjedi primarjament flimkien mal-esponenti, u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tissospendi l-access u/jew takkorda access ghall-minuri favur il-konvenut taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg, u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite ta' assessments appoziti, tenut kont l-agir aggressiv mal-minuri da parti tal-konvenut kemm fil-konfront taghha u anki tal-esponenti;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem fuq bazi full-time, jew as tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa' tistudja, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut; mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti, filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitaijiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jamenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-*

*esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament, ic-children's allowance, fl-intier taghhom;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' sahha, hrug tal-passaporti u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm tkun ghadha qed tistudja, inkluz, u mhux imitatament, uniformijiet, transport, donations, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjez ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

6. *Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri MCM , fosthom, izda mhux limitatament, dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u l-hrug tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport ghandu jinzamm mill-esponenti, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti;*

Rat id-digriet taghha tal-1 t'Ottubru 2018,

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' dain il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CC , datata 17 ta' Settembru 2018, a fol 35 et seq., li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri MCM li l-kura u kustodja taghha tkun fdata f'idejn il-partijiet konguntivament, b'dan illi bl-istess mod id-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha, mal-hrug ta' passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament;*

2. *Illi l-esponenti ma jopponix ghat-tieni talba sabiex il-minuri tirrisjedi primarjament ma' l-attrici ommha, diment illi huwa jkollu access adegwat ghal bintu minuri u jkun involut fit-trobbija u d-decizjonijiet rigwardanti l-istess bintu MCM ;*

3. *Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda, b'dan illi l-esponenti ghandu jkollu access adegwat ghall-istess bintu minuri MCM , liema access ma ghandux ikun supervizjonjat u dan fl-interess suprem ta' l-istess minuri u taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti;*

4. *Illi r-raba talba, limitatament ghall-hlas ta' manteniment ghal bintu minuri u hlas ta' beneficcji tat-tfal lill-attrici, ma hijiex opposta kemm il-darba l-minuri tkun qed tirrisjedi ma' l-istess attrici u li kwalsiasi manteniment pagabbli ghall-minuri jkun wiehed ragjonevoli li jirrifletti l-mezzi ta' l-istess esponenti, b'dan illi f'kull kaz l-esponenti jopponi t-talba sabiex l-istess manteniment jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tieghu;*

5. *Illi l-hames talba hija opposta b'dan illi l-ispejjes kollha indikati fl-istess talba relatati mas-sahha, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari u hrug tal-passaporti ghall-minuri MCM  ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi in oltre u f'kull kaz l-istess spejjes ghandhom jithallsu separatament mill-manteniment li talvolta jista' jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

6. *Illi s-sitt talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri MCM  mhijiex opposta.*

7. *Illi l-esponenti jiċħad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet kollha li saru mill-attrici fir-rikors ġuramentat taghha fil-konfront tiegħu, liema allegazzjonijiet huma ghal kollox inveritjiera u kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta fil-mori tal-proceduri odjerni, b'dan illi l-unika skop ta' l-istess attrici huwa li tipprova tifred lill-esponenti mill-istess bintu minuri u dan b'detriment serju ghall-esponenti izda fuq kollox ghall-istess minuri.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-attrici, inkluz dawk relatati mal-proceduri ta' medjazzjoni.*

Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenut datata 24 t'Ottubru 2018 (Vide Fol 41 et seqq); li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minna twieldet il-minuri MCM, f'X, skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv hawn anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'A'****.*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet bhala rizultat ta' l-agir ghal kollox abbuziv u illegali ta' l-attrici rikonvenzjonata, kif ser jirrizulta matul is-smigh tal-kawza.*

3. *Illi l-attrici rikonvenzjonata kienet u ghadha qed taghmel dak kollu possibli sabiex, bl-aktar mod gharrieqi u b'diversi allegazzjonijiet fiergha u ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, tipprova tifred lill-minuri MCM mill-istess esponenti rikonvenjenti li dejjem kien prezenti ghal bintu minuri u li maghha huwa dejjem gawda relazzjoni soda u tajba.*

4. *Illi sfortunatament ma kienx possibli ghall-partijiet li jaslu ghall-ftehim stante illi l-attrici rikonvenzjonata sahansitra ma riedetx illi jkun hemm seduti ta' medjazzjoni, b'dan illi l-medjazzjoni kellha tigi maghluqa u l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu b'kawza permezz ta' digriet datat sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax, hawn anness u esebit bhala* ***Dok. 'B'.***

5. *Illi ghaldaqstant ma kienx possibli li l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju minhabba l-intransigenza ta' l-attrici rikonvenzjonata.*

6. *Illi l-fatti hawn dikjarati l-esponenti jafhom personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponenti rikonvenjenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha: -*

1. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri MCM tkun fdata konguntivament f'idejn iz-zewg partijiet;*

2. *Tordna li d-decizjonijiet kollha inkluz, izda mhux limitat, dawk relatati mas-safar, hrug u tigdid ta' ta' passaporti, religjon, sahha, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari u l-benessere tal-minuri jittiehdu konguntivament mill-partijiet fl-ahjar interess ta' l-istess binthom minuri;*

3. *Takkorda lill-esponenti rikonvenjenti access liberu u ampju ghal bintu minuri MCM , filwaqt illi f'kaz ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-kontendenti, tordna li l-esponenti jigi akkordat access adegwat u ampju, li jkun jinkludi sleepover fi tmien il-gimgha, skond dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Takkorda access lill-esponenti rikonvenjenti ghal bintu minuri u tirregola l-istess access f'okkazjonijiet specjali inkluz izda mhux limitat, fil-vakanzi ta' l-iskola u tas-sajf, f'jum il-missier, f'gheluq snin l-esponenti rikonvenjenti, f'gheluq snin il-minuri, fil-festi pubblici, fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid il-Kbir;*

5. *Tordna li l-minuri MCM  ma tigix esposta ghal partners tal-partijiet jew min minnhom kif ukoll ghal terzi persuni li jistghu ikunu ta' influwenza hazina ghall-istess minuri;*

6. *Tordna li kwalunkwe safar mill-partijiet jew min minnhom mal-minuri MCM barra mill-gzejjer Maltin, isir biss bil-kunsens bil-miktub u preventiv tal-partijiet u fin-nuqqas bl-awtorizzazjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, dejjem jekk tali safar ikun fl-interess tal-minuri, wara li jinghataw id-dettalji relattivi ta' l-istess safar u wara li jigi assikurat illi ma hemmx il-possibilita' li l-istess minuri ma tigix irritornata lura Malta;*

7. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha li huma xierqa u opportuni fl-ahjar interess ta' bint il-partijiet MCM .*

*Bl-ispejjes kontra l-attrici rikonvenzjonata, komprizi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni, li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut (Vide Fol 50 et seqq) li taqra hekk:-

1. *Illi in kwantu ghall-ewwel, t-tieni u s-sitt talba relatati mal-kura u kustodja u d-decizjonijiet kollha relatati mal-minuri MCM , dawn ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom;*

   *Kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza, l-esponeneti tikkontendenti li fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja ghandha tkun fdata esklussivament lilha u li hija tieghu d-decizjonijiet kollha relatati mal-bzonnijiet tal-minuri; u dan peress li hija dejjem hadet hsiebha wahdiha minghar ebda interess da parti tal-konvenut rikonvenzjonat. Ghaldaqstant, hija l-aktar genitur idoneju u responsabbli sabix tiehu dawn id-decizjonijiet;*

2. *Illi in kwantu ghat-tielet u r-raba talba ghall-access ghall-minuri, l-esponenti m'ghandna l-ebda oggezzjoni li l-konvenut rikonvenzjonat jkollu access that suprvizjoni ghall-wild minuri. Izda dan ghandu jigi ezercitat kemm-il darba jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tat-minuri, anki tramite ta' assessments appoziti, stante li l-konvenut rikonvenzjonat kien abbuziv kemm direttament, kif ukoll indirettament, fil-konfront tal-minuri, kif se jigi ben ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi hija taqbel limitatament mal-hames talba b'dan illi din l-ordni ghandha tkun imposta fil-konfront taz-zewg partijiet. Madankollu, hija thoss li din m'ghandhiex tapplika fil-konfront ta' terzi persuni li huma familjari tal-partijiet, u li jkollhom relazzjoni amuruza maghhom ghal aktar minn sena;*

*Salv eccezzjonijiet ohra:*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukat difensur tal-konvenut;

**Ikkonsidrat:**

***<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi mressqa minnha:</u>***

L-Attriċi xehdet permezz ta' affidavit (fol. 55 *et seq.)* u spjegat illi hija kellha relazzjoni mal-intimat fejn wara tlett (3) xhur ried li jiżżewġu u fuq ħafna insistenza tiegħu kienet aċċettat minkejja ir-riluttanza taghha għax kienet għadha żgħira. Fl-istess żmien kienet ħarġet tqila iżda l-konvenut mill-ewwel kien qalilha li ma kellux ħin għat-tarbija. Tgħid illi waqt it-tqala hija kienet taħdem ġewwa l-ħanut tal-familja tagħha iżda l-konvenut kien jgħaddi għaliha u jeħodha miegħu l-barriera biex tgħinu fl-uffiċċju, anke jekk ma kienetx tkun trid. Tgħid illi ħadha ħażin li kien ser ikollhom tifla għax ma setgħax iħaddimha ġol-barriera u li xejn ma kien jimpurtah minn saħħet l-attriċi waqt it-tqala tant li kien iġegħlha taħdem siegħat tard filgħaxija minkejja l-qagħda tagħha.

L-attriċi xehdet illi l-konvenut qatt ma mar magħha għall-appuntamenti tal-*gynecologist* sabiex ma jaħlix flus u ma jaħlix ħin. Sostniet li kien beda jerfgħa idejh fuqha meta kellha madwar erba' xhur tqala tant li darba anke ħadet skoss kbir ġo darha. Kien hemm incident ieħor meta kienu l-barriera fejn il-konvenut beda jgħajjat kemm għad irid iħaddem lill-bintu sabiex iġib il-flus li jrid jonfoq fuqha. Dawn l-episodji komplew u bl-inkwiet, l-attriċi kienet ġiet rikoverata l-isptar darbtejn waqt it-tqala u anke spiċċajt twelled kmieni u cioe ta' tmien (8) xhur tqala.

L-attriċi kompliet li kienet iżżomm kollox għaliha minħabba li t-trobbija fil-familja tagħha kienet differenti ħafna u kienet taf li l-ġenituri tagħha ma kienux ser jaċċettaw il-mod kif kien jittrattaha. Tgħid li kull meta talbitu l-flus biex jixtri l-affarijiet bżonnjużi għat-tarbija, kien iġibilha l-iskuża illi fl-antik ma kienux jixtru dawn l-affarijiet kollha. Kienu proprju l-ġenituri tagħha li xtraw l-affarijiet kollha meħtieġa għat-tarbija.

Tgħid li ta' tlett (3) ijiem meta kienet għadha qed tirkupra mit-twelid u muġugħa bil-punti li kellha, il-konvenut kien ġegħelha tħalli t-tifla m'ommha biex tinsel Birżebbugia għal-liċenzja li kellu bżonn. Kien heddha li jekk ma tagħmilx hekk kien ser ikaxkarha

minn xagħarha. Tispjega illi s-swat u t-theddid beda jsir aktar frekwenti kif ukoll l-aspettattivi tal-konvenut li l-attrċi tirreġistra lill-minuri ġo xi skola biex tkun tista' tkompli tgħinu fix-xogħol. Għalih ma kienx hemm Ħdud għax kull ħin kien ifisser flus u ħadd ma kien ser jaħdem għalih. Minkejja x-xogħol li kienet tagħmel, l-attriċi ma kienetx titħallas mingħand il-konvenut u dan minħabba skużi diversi bħal li ried jixtri xi artijiet. Kull ma kien ikollha bżonn, kien ikollha tittallab mingħand il-ġenituri tagħha. Lill-ġenituri tagħha ma kienetx turihom x'inhu jiġri sabiex ma tinkwetahomx imma tgħid li huma xorta kienu ndunaw bil-problemi u li ma kellhix flus minkejja s-siegħat twal li kienet taħdem.

L-attriċi xehdet li illi l-konvenut lanqas isem il-minuri ma kien jaf tant li kien isejħilha "Lucy" minflok "MCM".

Xehdet kif meta talbitu biex titlaq kmieni mix-xogħol biex tilħaq lit-tifla mqajma, taha xebgħa bl-'*isqueezer'* tant li qassamha fuq daharha. Darb'oħra taħa xebgħa bil-ponn u bis-*safety shoes* għall-istess raġuni. Tgħid illi hi tilfet okkażżjonijiet speċjali bħal meta it-tifla qalet l-ewwel kelma jew telqet timxi u ratha minn fuq il-*videos* li kienu jibgħatulha l-membri tal-familja tagħha. Xehdet li l-konvenut qatt ma xtralha rigali li bintu, ma ridx li tmur skola privata biex ma jaħlix flus u lanqas setgħet l-attriċi tixtrilha oġġetti bħal basket ta' xi karattru favorit.

L-attriċi xehdet li kienu rranġaw il-kamra li kienet isservi ta' uffiċju ġo l-barriera sabiex spiċċat torqod hemm ukoll. Kienet taħdem il-ġranet kollha taħt il-wegħda li kienu qed jaħdmu sakemm titlesta l-*penthouse* li kellhom jgħixu fiha ma' binthom.

Xehdet li mhux talli baqa' jsawwat lilha, talli imbagħad beda jsawwat anke lil binthom. Kien isawwatha, jidghi magħha u jbeżżagħha sabiex il-minuri ma tibkix, tant li darba minnhom anke ħuh kien ċempel lill-attriċi biex tirritorna lura mat-tifla. Tgħid li anke ommu kienet qaltilha biex titilqu għaliex kien bniedem aggressiv di natura. Is-swat fuqha baqa' jeskala, anke quddiem it-tifla u wkoll fuq l-annimali.

L-attriċi xehdet fuq l-abbuż emozzjonali li kien issoġġettata għalih il-konvenut kif ukoll l-abbuż sesswali. Kien ikun hemm anke theddid li se joqtolha jekk ma tagħmilx kif kien jgħidilha hu. Tixhed kif kien spiċċa iżolaha tant li kellha titlob permess biex titlaq mill-

barriera. Kienet spiċċat mingħajr ħwejjeġ tagħha u tilbes qliezet minn tiegħu. Ma kellha lil ħadd ma' min titkellem u kienet tesprimi ruħha bil-kitba. Kien hemm incident fejn heddidha quddiem ħaddiem minn tiegħu u dan il-ħaddiem remilu l-musijiet u s-skieken kollha li kien hemm ġot-terrapin. Darb'oħra taha daqqa ta' ras minn wara, tant li spiċċat taqla' u tistordi. Damet ġurnata f'dan l-istat u kien biss bil-lejl li ħadha l-emerġenza iżda heddidha li jekk titkellem joqtolha u jordomha ġot-terrapin. Kien dakinhar li ndunat li l-konvenut kellu pjan lest kemm-il darba jiġrilha xi ħaġa.

Tgħid li wara li tkelmet mal-konsulent legali tagħha, ħalliet dik il-ħajja warajha, marret tgħix mal-familja tagħha u tħoss li bdiet tgħix. Bdiet it-terapija u b'hekk indunat bl-abbuż kollu li kienet ġarbet.

Rat l-ordni li din il-Qorti tat waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha ordnat li l-missier ikollu aċċess taħt superviżjoni ġewwa l-Aġenzija Appoġġ kull nhar ta' Ħamis bejn is-2pm u l-4pm u nhar ta' Sibt mill-4pm sas-6pm. Ordnat ukoll illi *pendente lite* u mingħajr preġudizzju għat-talbiet u l-eċċezzjonijiet, il-missier iħallas retta alimentari ta' mitejn u ħamsin euro (€250) fix-xahar oltre għal nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. Nota bid-dokumenti segwenti:
    a. Rapport mal-pulizija datat 24 ta' Mejju 2018 dwar theddid li għamel il-konvenut lejn l-attriċi liema rapport ġie magħmul minn ħaddiema soċjali (fol. 154)
    b. Rapport mal-pulizija datat 9 ta' Novembru 2018 li l-konvenut ħassar l-aċċess ma' bintu għaliex qal li kien ma jiflaħx iżda imbagħad ratu fl-akwati tal-Qawra jaħdem fuq krejn (fol. 158)
    c. Rapport mal-pulizija datat 16 ta' Novembru 2018 li l-konvenut kien ħassar l-aċċess ma' bintu (fol. 162)
    d. Rapport mal-pulizija datat 22 ta' Novembru 2018 li l-konvenut ma kienx attenda għall-aċċess taht superviżjoni (fol. 164)
    e. Rapport mal-pulizija dattat 3 ta' Jannar 2019 li l-konvenut ma kienx ġabar lill-bintu mill-Għassa ta' Ħal Qormi għall-aċċess (fol. 167)

f. Ċertifikat mediku rilaxxat nhar l-4 ta' Mejju 2018 meta l-konvenut kien ta daqqa ta' ras (fol. 169)
g. Mediċini preskritti mill-professjonisti mediċi relatati ma' tali incident
h. Messaġġi skambjati bejn il-partijiet dwar l-allegat swat u aġir tal-konvenut (fol. 177 et seq.)
i. Ċertifikat mediċi relatati ma' saħħet il-minuri (fol. 188 et seq.)
j. CD b'filmat meħud mis-CCTV ta' ġo l-uffiċċju ta' ġol-barriera (fol. 201)
k. Dokument bejn l-attriċi u missierha dwar il-flejjes li kellha mfaddla (fol. 202)
l. Il-kitba tal-attriċi sabiex tesprimi ruħha meta kienet għaddejja mill-episodji ta' vjolenza domestika (fol. 205)
m. Korrispondenza elettronika mal-ħaddiema soċjali meta l-minuri weġġgħet imneħirha waqt il-ħin tal-access (fol. 207)

2. Nota b'żewġ FS3s tal-attriċi (fol. 379) li juru li l-qliegħ tal-attriċi għas-sena 2018 u 2019 kien minimu mmens.

3. Ix-xhieda ta' WPC 99 Josette Pace (fol. 409 et seq.) li ppreżentat seba' (7) rapporti u ċjoe s-segwenti:

a. Rapport mal-pulizija datat 22 ta' Lulju 2019 dwar l-aċċess tal-konvenut tal-20 ta' Lulju 2019 fejn il-minuri kienet ħabtet rasha ma' ħadida u sussegwentement hija kienet ħadet lill-minuri l-isptar fejn inżammet għal 24 siegħa.
b. Rapport mal-pulizija datat 3 ta' Jannar 2019 li l-konvenut kien naqas milli jiġbor lill-minuri mill-għassa ta' Ħal Qormi għall-aċċess skont id-digriet ta' din il-Qorti.
c. Rapport datat 22 ta' Novembru 2018 li l-konvenut ma kienx mar għall-aċċess skont id-digriet li kien ħareġ il-ġurnata ta' qabel. Meta l-pulizija tkelmu mal-konvenut huwa qalihom li kien informal ill-Appoġġ bid-digriet imma ma kellhomx ħaddiema biex jallokawhom minn ġurnata għall-oħra.
d. Rapport datat 20 ta' Novembru 2018 li l-missier ma kienx mar għall-aċċess skont id-digriet. Meta l-Pulizija tkelmu mal-konvenut huwa qalilhom li kien informal ill-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ li ma setgħax imur

dakinhar.

e. Rapport datat 16 ta' Novembru 2018 li l-konvenut kien ħassar l-aċċess li kellu għal binthom minn jheddu

f. Rapport datat 24 ta' Mejju 2018 li sar mill-ħaddiema soċjali Marisa Russo fejn tat rendikont tal-abbuż fiżiku u t-theddid li l-attriċi kienet qaltilha li kienet soffriet mill-konvenut. Meta l-Pulizija kelmu lill-konvenut fil-preżenza tal-avukat tiegħu, huwa qalilhom li kienet proprju l-attriċi li kienet tgħajjru u toffendih u theddu li se titlaq bit-tifla u li ma kienx se jaraha aktar.

g. Rapport datat 2 ta' Mejju 2014 li sar mill-konvenut u mill-attriċi fuq li kienet ġiet insulentatha minn terz meta qaltlu biex iressqilha t-trakk għaliex l-impjegat tagħhom ma setgħax jgħaddi b'tiegħu u ma ridtx;

h. Fedina penali tal-konvenut (fol. 436) li turi li l-konvenut kien instab ħati b'imputazzjonijiet relatati ma' vetturi u sewqan u li kien rama' krejn mingħajr awtorizzazzjoni.

4. <u>Ix-xhieda ta' Estella Rama fl-irwol tagħha ta' *counsellor* mal-*Victim Support Malta*</u> (fol. 437) li ngħatat fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021. Ix-xhud ikkonfermat illi l-attriċi kienet ilha tmur għat-terapija magħha mis-sena 2018. Il-ħidma fit-terapija daret fuq l-istima tal-attriċi magħna nnifisha, fuq li tħossha sigura u li tkun tista' tikkontrolla l-emozzjonijiet tagħha.

5. <u>Nota b'estratt ta' gazzetta lokali datata 21 ta' Frar 2021</u>(fol. 454) dwar ilment li sar minn resident viċin tal-barriera tal-konvenut dwar it-trab li ġej mill-istess barriera.

6. <u>Kopja ta' pitazz b'rendikont taċ-ċekkijiet li kien jirċievi bħala pagament tax-xogħolijiet reżi minn negozju tiegħu </u>(fol. 456)

7. <u>Ix-xhieda ta' Marisa Russo bħala ħaddiema mad-*Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*</u> (fol. 475A) li xehdet fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2021 li xehdet li bdiet taħdem mal-attrici li fl-14 ta' Mejju 2018 meta l-attriċi allegat magħha li kienet qed tiġi abbużatha mis-sieħeb tagħha emozzjonalment, fiżikament u finanzjarjament. Bħala inċidenti ssemmi li qaltilha li kien sawwatha bis-*safety*

*shoes* meta kienet tqila, li kien jaqbadha minn għonqha u li kien taha daqqa ta' ras minn wara u li t-tabib kien avżaha li setgħa kellha *concussion*. Semmiet incident fejn il-konvenut kien allegatament qasam lasta tal-*squeezer* fuqha. Semmiet theddida li kien ser iċarratha, jaqla' fwiedha u jieħdu lill-Pulizija. Semmiet li kien kisrilha l-polz.

Ix-xhud xehdet li l-attriċi kienet qaltilha li kien jikkastigaha talli tmur tara lit-tifla billi jġiegħelha tnaddaf il-garaxx u l-*crusher,* ir-roti ta' trakkijiet u l-fossa jew jaħarqilha l-ħwejjeġ ta' taħt tagħha.

Ix-xhud xehdet li l-attriċi kienet pjuttost indipendenti u kienet tfittex l-għajnuna li kienet taħseb li kellha bżonn.

In kontroeżami x-xhud qalet kienet ilha li waqfet l-interventi magħha qisu xi sena qabel ma' tat ix-xhieda tagħha u li l-ħaddiema soċjali ma jagħmlux verifiki dwar l-allegazzjonijeit li jsiru magħhom mill-allegati vittmi. Ir-riskju jinħadem fuq set ta' domandi li huma *standard.*

8. Xhieda ta' Karen Cremona in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Transport f'Malta, Direttorat tat-Transport fuq l-Art, li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar 14 ta' Lulju 2021 (fol. 478 et seq.) liema xhud ippreżentat rendikont tal-vetturi reġistrati fuq il-konvenut li huma sbatax (17)-il vettura fit-triq u tlieta (3) iggaraxxjati.

9. Xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c. li ngħatat fis-seudta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar it-28 t'Ottubru 2021 (fol 679 et seq.) li ppreżentat rendikont tal-kontijiet bankarji ntestati f'isem il-partijiet. Fil-kont intestat f'isem l-attriċi jidher bilanċ ta' inqas minn għaxar euro (€10) għas snin bejn l-2013 u l-2017. L-istess jgħodd għall-kont bankarju intestat f'isem il-konvenut għalkemm f'dan il-kont jidhru diversi transazzjonijiet kemm għal ġol-kont kif ukoll pagamenti minnu. F'Mejju 2017 imbagħad jidher bilanċ ta' ftit aktar minn elf u seba' mitt euro (€1700) li sa Awwissu ta' l-istess sena kien niżel għal tnejn u sittin euro (€62) għalhekk huwa evidenti li l-konvenut juża' dan il-kont għat-transazzjonijiet tan-negozju u tal-ħajja tiegħu u mhux bhala *savings account.*

Jirrizulta illi l-konvenut għandu imbagħad kont bin-numru 044-144582-050 li fih

kellu bilanċ sostanzjali ta' mija wieħed u sittin, tmien mija u sittin (€161,860) fis-sena 2015 u li f'dan il-kont jiġu ddepożitati numrui ta' ċekkijiet kif ukoll depożiti ta' flus kontanti (ez. Fol. 721). Titħallas ukoll minn dan il-kont polza tal-assikurazzjoni fuq ħajjet il-konvenut. Wara trasferiment sostanzjali lejn kont bankarju ma' bank differenti, il-bilanċ baqa' jidher bħala wieħed minimu għal diversi xhur.

10. Xhieda ta' Franklin Calleja fl-irwol ta' Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar l-24 ta' Marzu 2022 (fol. 778) fejn ġiet ippreżentata kopja ta' imputazzjonijiet li tressqu kontra l-konvenut dwar theddid, insulti u użu mhux xieraq ta' apparat tal-komunikazzjoni elettronika minn liema imputazzjonijiet huwa ġie liberat stante li l-attriċi ma kienetx dehret dakinhar tas-seduta.

11. Xhieda ta' Dr Alexia Aquilina bħala Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar l-24 ta' Marzu 2022 (fol. 780) fejn ippreżentat lista tal-proċeduri ċivili institwiti mill-attriċi kontra l-konvenut liema lista kienet tinkludi l-proċeduri odjerni, kawża għal-likwidazzjoni ta' serviġi u mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut.

12. Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentaza tad-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali li ngħatat fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Mejju 2022 (fol. 867) fejn ġie eżebit rendikont tal-benefiċċju soċjali mogħti lill-konvenut bħala benefiċċju soċjali relatat ma' mard u rendikont tal-benefiċċji soċjali mogħtija lill-attriċi bħala benefiċċji relatati mat-tfal.

13. Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus li ngħatat fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Mejju 2022 (fol. 869) fejn ir-*records* tal-attriċi juru li ħadmet fin-negozju tal-familja tagħha għal sena bejn l-2012 u l-2013 u minn Settembru tas-sena 2018 'il quddiem. Bejn dawn id-dati l-attriċi ma kienet irreġistrata għall-ebda mpjieg. Ir-*records* tal-intimat juru illi l-konvenut biddel l-impjiegi tiegħu sakemm beda jiġġestixxi n-negozju tiegħu f'Awwissu tas-sena 2009. Madanakollu joħroġ illi ġie dikjarat terminazzjoni ta' tali negozzju fl-aħħar ta' Diċembru tas-sena 2020. **Inoltre, bħala Direttur huwa jidher li kellu tnejn u għoxrin (22) impjegat**

**maskili u tlett (3) impjegati femminili. L-attriċi ma tidhirx bħala waħda mill-impjegati reġistrati miegħu.**

14. <u>L-affidavit ta' RM, ossia missier l-attriċi</u> (fol. 887) fejn ikkonferma illi l-attriċi ħarġet tqila mill-konvenut wara biss tlett (3) xhur u li kienet qaltlu li tixtieq tibda taħdem mal-konvenut ġewwa l-barriera fejn hu ma tantx ħa pjaċir minħabba n-nuqqas ta' sigurta' fil-post. Nhar ta' Ħadd kien iħallas ikla lil kulħadd biex ikun jista' jarahom u li ma setgħax jifhem kif MM kienet kuntenta mal-konvenut ladarba kienet qed taħdem imma tonfoq l-ammont li kellha mfaddal għand ix-xhud.

Jgħid illi kien igerger mal-mara tiegħu meta ra lill-konvenut jirrabja ma' bintu biex tmur taħdimlu meta din kien għadha kemm kellha tarbija. Il-mara tax-xhud kienet tieħu ħsieb lit-tarbija sabiex l-attriċi setgħet tmur taħdem. Jgħid illi MM kienet taħdem ħinijiet twal fejn ġieli anke kienu jirritornaw wara li huma kienu dahlu jorqdu. Jgħid illi wara sena u nofs argumenti magħhom biex jirritornaw mad-9pm, **dan l-argument wassal sabiex l-kontendenti marru jirrisjedu ġewwa l-barriera u ħadu lit-tifla magħhom.**

Ix-xhud jirrakonta kif il-konvenut kien jiġi msawwat minn missieru li kien mistenni jaħdem fil-barriera ta' eta' żgħira. Jiddikjara wkoll kif kien il-konvenut stess li kien qallu li kien iħaddem immigrant ta' karnaġġjon skur **iżda imbagħad kien jitlaqhom warajh biex ma jħallashomx.** Jgħid li dan għamlu anke ma' wieħed li kien izzappap u meta mar ifittxu, dan l-individwu kien ikkonfermalu x'kien ġara.

Jikkonferma illi hu baqa' jħallas għall-bżonnijiet tal-minuri MCM u li kien anke jagħti l-flus lil bintu l-attriċi, kif kienu anke jagħmlu ommha u ħutha peress li kienu jarawha bil-ħwejjeġ imqatta'. Kien offrilha li terġa' tmur tirrisjedi għandhom.

Jgħid illi darba meta l-minuri kellha tlett (3) snin kienet marret lura għandhom tibki għax missierha kien beda jsawwat il-kelb li kellhom tant li wasal qatlu. Ix-xhud prova jgħidilha li l-kelb kien ħarab imma l-minuri baqgħet konsistenti fir-rakkont tagħha.

Jgħid illi f'Mejju tas-sena 2018, MM kienet ċemplitlu biex imur jiġborha mill-barriera. Meta mar huwa sabhom jgħoddu ċ-ċekkijiet. Wara li l-konvenut hedded lill-attriċi quddiem ix-xhud, huma telqu u talbu l-assistenza tal-Pulizija tant li dakinhar il-Pulizjia kienu baqgħu jagħmlu r-rondi mad-dar tagħhom. Il-konvenut baqa' jipprova jikkonvinċi lill-attriċi biex tmur lura miegħu. **Kien f'dak il-punt li x-xhud sar jaf li l-konvenut kien isawwat lil bintu.**

Jgħid illi l-minuri tmur lura wara l-aċċess tibki għaliex il-konvenut ma jkunx xtralha rigal. Lanqas xtralha rigal għall-okkażżjonijiet bħal Milied jew l-Ewwel Tqarbina. Jgħid li huma jippruvaw jgħinu lill-minuri biex tħobb lil missierha iżda imbagħa il-konvenut ibeghda bl-azzjonijiet tiegħu. **Għid illi kien hemm drabi fejn xtralha rigal hu taparsi kien xtrahulha missierha l-konvenut.**

15. <u>L-affidavit ta' MRM, ossia omm l-attriċi</u> fejn tikkonferma illi bintha kienet ħarġet tqila ftit wara li bdiet toħroġ mal-konvenut u li kienet qaltilha biex ma tgħaġġilx. Meta kienet ħarġet tqila kienet allokatilhom kamra għalihom imma l-konvenut kien qalilha li kienu ser joqgħodu għandhom sakemm jibnu l-post tagħhom.

Tiftakar illi darba minnhom wara li ġew mill-barriera bdiet tisma' lil MM tibki fil-kamra tagħhom. Marret biex tara x'kien ġara u rat lil MM żżomm darha u lill-konvenut jgħajjar biex tiffimalu karta li ma kienx se jkollha x'taqsam ma' ġidu fiż-żwieġ. Wara kienet saret taf li l-attriċi kienet qed iżżomm darha għax kien imbuttaha u kienet ħadet skoss.

Ix-xhud tkompli tgħid lil bintha MM kemm-il darba kienet iċċemplilha biex tara jekk għandhix xi ħaġa x'tiekol għandha **filwaqt li lill-missierha kienet titolbu l-flus, għall-ewwel dawk li kellha mġemmgħin iżda wara li dawn spiċċaw missierha baqa' jtiha xorta.**

Tiftakar lill-konvenut jaghmel in-nervi meta sar jaf li kien ser ikollu tifla għax ried tifel ħalli jkun jista' jħaddmu. Tgħid li kienet saret taf li anke lit-tfajla li kellu qabel MM kien taqqala' iżda imbagħad din kienet korriet. Taħseb li dan kien jagħmlu bi ħsieb biex ikun jista' jorbothom miegħu iżda imbagħad ma ridx jonfoq flus fuq

viżti tat-trabi għaliex għalih fl-antik it-trabi kienu jitwieldu xorta mingħajr dawn il-viżti. F'waħda mill-viżti l-isptar kienu żammew lill-attriċi għall-osservazzjoni u kienet għamlet jumejn. Ix-xhud tixhed illi f'dawk il-ġranet il-konvenut ma kienx ressaq lejn l-isptar u kienet hi li kienet raqdet ma' MM .

Tgħid illi kienet semmgħet lill-konvenut jiġġieled mal-attriċi sabiex toħroġ tiġborlu l-flus ftit tal-jiem wara l-ħlas minkejja li kellha l-punti u ma kienetx għadha ġiet f'tagħha.

Tgħid li l-konvenut ried idaħħal lill-minuri mill-ewwel ġo *childcare* iżda huma ma ridux għax setgħu jieħdu ħsieb huma. Għalhekk il-konvenut kien ħareġ bil-proposta li tiġi *babysitter* id-dar tagħhom sakemm ikunu x-xogħol u kienu akkomodawh biex ma jinqalgħax inkwiet. Tgħid li kienu jkunu huma li jixtru l-bżonnijiet kollha li kellha bżonn it-tarbija. Xehdet li darba t-tifla kellha d-deni u meta ċemplet lill-attriċi biex teħodha għand it-tabib, il-konvenut kien qalilhom biex la jaħlu flus u lanqas ħin u biex jagħmlulha patata ma' rasha. Xorta kienu ħaduha għand it-tabib u kienu ħalsu kollox huma. L-istess kienu jħalsu huma sabiex imorru ġurnata ġo lukanda flimkien jew biex ituha esperjenzi sbieħ fil-Milied. Il-ġenituri tagħha kienu jkunu dejjem xogħol.

Tgħid illi l-partijiet kienu marru jirrisjedu l-barriera wara li kien hemm argument ma' oħt l-attriċi għax kienet semgħetu jgħajjat m'oħtha. Tgħid illi kienu għamlu sodda ġo l-uffiċċju ġol-garaxx fil-barriera; MM kienet taħdem mal-iskrivanija li kellha ħdejn is-sodda u t-tifla kienet toqgħod tilgħab fuq is-sodda. Diversi drabi kien ikun hemm il-ħaddiema deħlin u ħerġin għax rathom hi meta kienet tgħaddi ħdejhom biex tarahom.

Meta kien hemm żmien li r-raġel tax-xhud kien l-isptar u l-minuri kienet qiegħda torqod mal-partijiet il-barriera, ix-xhud tgħid kif il-konvenut kien iqabbadha tneħħi l-*copper* tal-*wires* u tifridhom mill-plastik. Meta r-raġel ħareġ mill-isptar kienu reġgħu ġabru magħhom lit-tifla biex ma toqgħodx tiġri fit-trab tal-barriera. Meta marret lura għandhom il-minuri bdiet tgħildilhom kemm il-konvenut kien jaħqar l-annimali li kellhom magħhom għaliex kienu jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom ġol-garaxx.

Ix-xhud tkompli tgħid illi ġieli bdiet tara lil MM b'saqajha minfuħa u MM dejjem kienet iġibilha skuża li waqqgħet xi ħaġa fuqha. Sakemm imbagħad bdiet tgħidilha li kien propju l-konvenut li kien qed isawwatha anke jekk iddum ftit aktar milli suppost għandhom mat-tifla. Kienet saret taf mingħand terzi li wieħed mill-impjegati kien qabeż għal MM meta l-konvenut beda jheddidha b'mus. Kienet għalhekk li bdiet iġġib l-iskużi biex tmur ħdejn MM filgħaxija biex tiċċekja li kienet għadha sana, fosthom bdiet taħsel hi l-ħwejjeġ tal-partijiet.

Tgħid illi meta fl-aħħar MM kienet telqitu lill-konvenut kienu huma li marru jiġbruha iżda l-konvenut kien baqa' jċemplilha u jheddidha biex tmur lura. Kien għalhekk li kellhom idaħħlu lill-Pulizija li kienu anke spġiċċaw jagħmlu r-ronda mad-dar tagħhom.

Tgħid li l-konvenut qed jieħu interess f'bintu biex ipattiha lill-attriċi. Tweġġa' meta tara lin-neputija ddiżappuntata għaliex ikun wegħda xi haga imbagħad ma jagħtihiliex jew joqgħod jimlilha rasha bħal meta qalilha li kellu żiemel fuq il-bejt tad-dar t'ommu.

16. <u>L-affidavit ta' MDM ossia oħt l-attriċi</u> (fol. 900) li tikkonferma li l-konvenut minn dejjem kien moħħu biss fil-flus. Tgħid li wara li oħtha kienet ħarġet tqila kienet marret taħdem fil-barriera tal-konvenut fejn kien iqabbadha tagħmel xogħol ta' strappaz apparti xoghol amministrattiv tal-uffiċju. Minħabba l-kundizzjoni tagħha, ix-xhud kienet tmur tgħin lill-oħtha u tagħmel ix-xogħol hi. Tgħid illi kemm-il darba kienet toħdilha l-ikel imma kien jispiċċa jieklu l-konvenut tant li bdew jaħbuh taħt is-sodda. Kien anke jixtri l-pastizzi u ma jaħsibx f'MM .

Tgħid illi kienet kelmet lill-konvenut li mhux sew kien qiegħed iħaddem lill-oħtha mingħajr ma kienet reġistratha u mingħajr ma kien qed iħallasha paga. Kliemu kien dejjem li kien ser jagħtiha *penthouse* bħala ħlas. Il-membri tal-familja tagħha kienu jiġbru bejniehom biex jixtru l-bżonnijiet għat-tarbija kif ukoll biex jagħtu l-flus lill-attriċi biex ikollha biex tixtri x'tiekol.

Sostniet li kienu hi u l-ġenituri tagħha li rabbew lill-minuri MCM.

Tkompli tixhed li kienet hi li skopriet li l-konvenut kien qed issawwat lill-oħtha meta darba marret warajha fil-kamra tal-banju u ratilha l-marki. Meta l-għada kienet qalet lill-ommha b'dak li kienet rat, kienu ftehmu li jibdew imorru aktar ta' spiss ħdejn l-attriċi biex iżommu għajnejhom fuqha.

Tiftakar li darba kienet semgħet l-għajjat u d-dagħa u meta marret tara x'ġara saret taf li l-konvenut ma ridx li l-attriċi tmur ġurnata l-pixxina mal-familja tagħha u minflok tmur ġurnata xogħol il-barriera. Dakinhar beda jsabbat u jagħti u wara dak l-inċident kienu telqu mir-residenza tal-ġenituri tagħha. Dan wassal biex l-attriċi tmur għandhom bil-moħbi u kull meta kienet tkun magħhom, dejjem kienet tirċievi ħafna telefonati b'għajjat u theddid mill-konvenut biex tmur għax postha kien il-barriera.

Tgħid illi meta l-minuri kienet għamlet perjodu qasir tirrisjedi magħhom l-barriera marret lura għandhom b'ħafna rakkonti ta' għajjat u vjolenza fuq l-annimali.

Tixhed illi bdiet tinnota ħafna aktar tbenġil fuq il-ġisem ta' oħtha. Kienet indunat li darba oħtha kellha daqqa kerha f'għajnejha tant li kienet baqgħet bin-nuċċali tax-xemx. Darba oħra kienet ċemplitilha u oħtha kienet qaltilha li l-konvenut kien taha daqqa f'rasha u qabadha minn għonqha.

Xehdet illi ftit wara oħtha reġgħet lura ghandhom imma l-konvenut kien baqa' jibgħatilha biex tmur lura. Dan kien għamlu għax kellu l-barriera wieqfa mhux għax kien vera jħobbha għax anke spiċċa jheddida tant li kienu għamlu rapport mal-Pulizija.

Xehdet illi l-konvenut qiegħed ipattiha lill-oħtha bil-minuri għaliex joqgħod iwegħda l-affarijiet waqt l-aċċess imbagħad ma jżommx kelmtu u ma jixtrilha xejn. B'hekk huma dejjem iridu jikkalmaw lill-minuri jekk mhux jiġru biha għax tkun weġġgħet waqt l-aċċess.

17. <u>Xhieda ta' Dr Cynthia Tommasuolo u in rappreżentanza ta' *Identity Malta Searches Unit*</u>, li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar it-

28 ta' Settembru 2022 (fol. 909) li eżebixxiet riċerki fuq il-partijiet.

18. Xhieda ta' Quintin Tanti in rappreżentanza tal-*Malta Business Registry* li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju ta' nhar it-23 ta' Novembru 2022 (fol. 965) li eżebixxa dokumenti reġistrati tas-soċjeta' TMS Developments Ltd. liema soċjeta' għandha l-uffiċju reġistrat fil-fond tal-konvenut u l-konvenut huwa reġistrat bħala d-Direttur, is-segretarju u l-azzjonist assolut fi ħdan din is-soċjeta'.

19. Xhieda ta' George Stagno Navarra in rappreżentanza ta' Elmo Insurance Ltd. li ngħatat waqt is-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar it-23 ta' Novembru 2022 (fol. 980) li eżebixxa kopji tal-poloz tal-assikurazzjoni li l-konvenut għandu mas-soċjeta' sabiex jassigura l-vetturi u l-inġenji li jaħdem bihom; kif ukoll kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li għandu l-konvenut bħala d-diriġenti ta' negozju bl-impjegati.

20. Nota b'żewġ *recordings* li ħadet l-attriċi u rendikont tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri (fol. 1067). Din il-Qorti semgħet ir-*recording* tal-konversazzjoni bejn l-attriċi u omm il-konvenut u tinnota li omm il-konvenut tinstema' sorpriża meta l-attriċi bdiet tgħidilha bl-aggressjoni tal-konvenut iżda fl-ebda mument ma ħasset li tali rakkont ma setgħax ma jkunx minnu tant li kienet hi stess li ssuġġeriet li l-konvenut għandu bżonn l-għajnuna. Din il-Qorti tinnota wkoll li omm il-konvenut sostniet dak li l-attriċi qalet dwar ħu l-konvenut bħala li lilha kien intqal l-istess. Omm il-konvenut stess tat parir lill-attriċi biex tmur lura għand ommha u biex jekk jerġa' jheddidha tmur tagħmel rapporti mal-Pulizija.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:*

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit (fol. 386 *et seq.*) u permezz tiegħu ċaħad li hu kien pussessiv fuq l-attriċi. Xehed illi kien kuntent bit-tarbija li kien ser ikollhom flimkien imma kien inkwetat għax ma kellhomx fejn jirrisjedu flimkien. Kien għalhekk li kien mar jirrisjedi mal-ġenituri tal-attriċi. Jgħid illi hu kien jgħaddi erba' mitt euro (€400) fix-xahar għall-bżonnijiet tat-tarbija kif ukoll xtralha l-*pram* u s-sodda. Minkejja dan ħass li hu ma kienx ikkunsidrat bħala ġenitur tal-minuri għaliex kollox kien jiġi deċiż mill-attriċi u ommha. Jagħti bħalha eżempju li hu ried li l-minuri tattendi

*childcare* biex tiltaqa' ma' tfal oħra iżda spiċċaw jingaġġaw *nanny* sakemm l-attriċi kienet tmur tgħinu ftit fl-uffiċċju.

Il-konvenut xehed illi x-xogħol kollu li għamlet l-attriċi kien bi ftehim bejniethom u hi kellha aċċess għal flus tal-konvenut li kien jgħidilha li setgħet tieħu kemm kellha bżonn. Jgħid illi kellhom relazzjoni tajba bejniethom u jiċħad id-dikjarazzjonijiet tal-attriċi magħmulha fl-affidavit tagħha. Kienu marru jgħixu l-barriera wara li rranġa l-kmamar hemm u għamel kollox ġdid u dan kien sar għaliex l-attriċi kienet iddejqet tirrisjedi mal-ġenituri tagħha. Fl-istess ħin l-iżvilupp li kellu jagħmel il-konvenut ġewwa s-Siggiewi ma setax jibda. Jgħid illi hu kien jafdaha b'kollox u hi kienet interessatha ferm fi flusu.

Il-konvenut jgħid illi kienu jqattgħu ħafna ħin mal-familja tal-attriċi iżda min-naħa l-oħra, kienet proprju l-attriċi li ppruvat tiffirdu minn mal-familja tiegħu billi bilkemm kienu jaraw lill-minuri. Bl-istess mod bdiet anke tevita lilu u għall-ħabta ta' Marzu 2018 waqfet milli jkollha relazzjoni intimi. Darba anke qaltlu li kienet ħasbet fuq li titlaq tgħix ma' Godwin u filfatt wara li ntemmet ir-relazzjoni tagħhom, dan Godwin spiċċa s-sieħeb tagħha. Għall-ewwel ma kienx emminha peress li kien hemm differenza kbira fl-eta' u peress li kien hu li kien introduċihom fuq xogħol.

Il-konvenut jgħid illi f'April 2018 kien weġġa' wieħed mill-impjegati tiegħu fuq il-post tax-xogħol u kien imfixkel. Kien proprju f'dan iż-żmien meta kellu verament bżonnha li l-attriċi ddeċidiet li titlaq. Ma kienx oppona meta kien ġie jiġborha missierha peress li qal li ftit żmien il-bogħod kien jagħmel tajjeb peress li kellu ħafna stress. Mill-ġurnata ta' wara li telqet, li kien proprju l-jum ta' għeluq snin il-minuri, l-attriċi bdiet tostakolalu l-komunikazzjoni ma' bintu u tiffirdu minn magħha.

Il-konvenut jiċħad illi ma kienx kuntent li kellhom tifla u mhux tifel. Jgħid illi l-attriċi ma tinvolvihx u sar jaf liema skola tattendi bintu mill-irċevuti li bgħatitlu biex iħallas. Jgħid illi hu jkun ħerqan biex jara lil bintu iżda l-ħinijiet tal-aċċess intgħażlu apposta minn MM  għaliex taf li f'dawk il-ħinijiet diffiċli mmens jitlaq mil-lant tax-xogħol.

In kontroeżami l-konvenut qal li riċevuti tal-affarijiet li hu xtara lit-tifla m'għandux x'jippreżenta għaliex kollox l-attriċi kienet tieħu ħsieb. Jgħid li huwa jikri parti tal-

barriera lil Mohamed Kasem iżda ma baqax minħabba li kien qed joħloq ħsara lir-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-barriera. Meta ġie muri l-kopji tal-pitazz eżebit fol 456, huwa qal li dik kienet il-kitba tal-attriċi.

Huwa reġa' xehed fit-30 ta' Jannar 2024 fejn **stqarr li ma baqax jara lit-tifla sabiex jevita kuntatt mal-attriċi**. Xehed illi jixtieq li jkollu aċċess mingħajr il-kuntatt mal-attriċi, jixtieq li jkun jista' jieħu lill-minuri għall-okażżjonijiet tal-familja u fil-Milied, jixtieq li l-minuri tkun taf lill-familja paterna tagħha.

Sabiex jikkorrobora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. Erbgħa FS7 anessi mal-affidavit tal-konvenut stess (fol. 394) li permezz tagħhom juri li l-introjtu tiegħu għas-sena 2019 kien ta' madwar wieħed u erbgħin elf euro (€41,000), għas-sena 2018 kien ta' ftit inqas minn għoxrin elf euro (€20,000), għas-sena 2017 kien ta' ftit 'il fuq minn ħdax-il elf euro (€11,000) u għas-sena 2016 kien ta' ħmistax-il elf euro erba' mija u tmenin euro (€15,480).

2. Skrittura privata (fol. 398) li turi li l-konvenut għandu self ma' Innocent Farrugia ta' mitejn elf euro (€200,000).

3. Affidavit ta' Salvatore sive Salvu Camilleri ossia missier il-konvenut (fol. 403) fejn jixhed illi meta omm l-attriċi ma kienetx tkun tista' iżżomm lill-minuri, l-attriċi kienet teħodha magħha l-uffiċċju u hu kien joqgħod jilgħab magħha. Jgħid illi t-tifla tibża' minn ommha u kull ma kien ikun hemm bżonn kienet biss ħarsa minn ommha biex titwerwer. Jgħid li l-attriċi qatt ma fdat il-minuri miegħu u għalhekk il-minuri darba biss iltaqgħet mal-bużnanniet tagħha.

   Missier il-konvenut xehed kif kellu żewġ suspetti li l-attriċi kienet qed iżżomm il-flus għaliha. Darba meta klijent giddeb lil MM quddiemu għaliex MM kienet qalet li kien ħallas direttament lix-xhud u darb'oħra meta ibnu kien qallu li MM kienet ħalsitu l-kirja ta' dak ix-xahar iżda hu ma kienx irċeviha.

   Jgħid illi wara li nfirdu l-partijiet, hu ma baqax jara lit-tifla u li jiddispjaċih immens

meta anke jara minuri tampar in-neputija.

Ix-xhud ikkonferma illi hu kien silef mija u ħamsin elf (€150,000) lill-ibnu biex jixtri l-art ġewwa s-Siggiewi li kellu jiżviluppa għalihom.

In kontroeżami x-xhud qal li hu jgħin lill-ibnu fil-barriera, izda m'għandux sehem mill-introjtu. Jgħid illi kellhom impjegat ta' karnaġjon skur li kellu mobile bil-flus fih u kien tilfu. Wara xahrejn il-konvenut kien sab dan il-mobile ġo basket u meta kkonfrontaha fuqu kienet bdiet tidħaq.

Jikkonferma li l-flus li kienu jidħlu kienu kollha f'idejn l-attriċi għalhekk kull ma kien ikollha bżonn kienet tgħidlu u tieħu. Jiċħad li omm l-attriċi kienet ittiha l-flus għaliex skont hu ma kellhomx minn fejn. Jgħid illi l-konvenut mhux iħalsu lura l-flus li selfu iżda minflok wegħdu li jtih garaxx fil-blokka li kien ser jiżviluppa.

4. Affidavit ta' Mary Camilleri ossia omm il-konvenut (fol. 405) fejn tixhed li mill-ewwel kienet semgħet li l-attriċi ma kienetx tfajla bil-għaqal iżda wara ftit li bdew joħorġu flimkien kienet ġelditu minn max-xhud u l-konvenut għamel ftit tax-xhur ma jmurx għand ommu. Xehdet kif l-aħħar li raw lil MCM kien sentejn u nofs qabel (Mejju 2018) u ċjoe ftit qabel li l-partijiet ħasru u dan bl-iskuża li l-minuri kienet mqarba u ma kienetx se toqgħod bilgħaqal magħhom. Tixhed kif fil-bidu tas-sena 2018 kien hemm okkażjoni fejn il-konvenut kien mar bit-tifla għandha u wara kienet saret taf li l-attriċi kienet għamlitlu xenata għax kien ħadha u kienet qaltlu li jista' jeħodha biss f'xi okkażżjoni ta' bilfors.

Ix-xhud tgħid illi qabel ma' nfirdu l-attriċi kienet qaltilha li sabet faxxa tax-xagħar ta' mara oħra fil-karozza tal-konvenut. Ix-xhud kienet ikkonfrontat lil binha iżda wara kienet indunat li l-attriċi kienet diġa' tkelmet ma' avukat.

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li hi u żewgġa kienu selfu mija u ħamsin elf (€150,000) lill-konvenut biex jixtri l-art ġewwa s-Siggiewi li kellu jiżviluppa għalihom.

In kontroeżami x-xhud tgħid illi l-partijiet kienu marru jgħixu l-barriera wara li omm l-attriċi keċċithom mid-dar. Tikkonferma li l-art fis-Siggiewi kienu ser

jixtruha hi u żewġha oriġinarjament iżda l-bank ma sellifhomx kemm kien jonqoshom minħabba l-eta' tagħhom u għalhekk kien xtraha minflok il-konvenut. Tikkonferma li l-konvenut qed iħallashom ftit ftit fix-xahar fi flus kontanti.

5. Ix-xhieda tal-ħaddiema soċjali, Naomi Bellotti li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2019 (fol. 145) fejn infurmat lil din il-Qorti dwar in-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar il-ħin tal-aċċess. Xehdet li hemm relazzjoni tajba bejn il-missier u t-tifla fejn il-missier jirrispondi għall-bżonnijiet tal-minuri u jtiha l-attenzjoni neċessarja. Tkelmet fuq it-tħassib tal-missier li l-minuri ma kienetx tirreferi għalih bħala missierha iżda kienet tgħid li għandha diversi missirijiet. Il-minuri tirreferi għan-nannu matern bħala missierha jew għas-sieħeb tal-omm. Waqt l-aċċess kien hemm drabi fejn il-minuri rriferiet għall-missier b'ismu u qaltlu li hu mhux missierha u dan il-kliem weġġgħu ħafna lill-konvenut. Ix-xhud ikkonfermat illi l-minuri tmur għall-aċċess u titlaq mill-aċċess b'kumdita' u serenita'. Madanakollu fil-kontroeżami, ix-xhud semmiet illi l-minuri ġieli semmiet episodji ta' vjolenza domestika li rat bejn il-ġenituri u li minħabba f'hekk tibża' mill-missier. Semmiet ukoll li darba kien hemm id-demm u li l-papa kien weġġa' l-annimali.

Ix-xhud xehdet kif ftit qabel it-testimonjanza tagħha, it-tifla kienet weġġgħet imneħirha waqt l-aċċess tagħha mal-missier. Minħabba li bdiet tibkli u ħadet khedda, il-minuri kienet raqdet ftit wara u għalhekk ma allarmawx ruħħhom. L-omm kienet sussegwentement ikkjarifikat permezz ta' komunikazzjoni elettronika ma' xiex kienet ħabtet il-minuri waqt li kienet qiegħda tilgħab.

L-istess xhud, Naomi Bellotti ppreżentat rapport dwar l-aċċess taħt superviżjoni (fol. 213) li minnhom joħroġ illi l-konvenut ikkanċella kemm-il sessjoni tal-aċċess da parti tiegħu matul ix-xhur ta' qabel ir-rapport. Fir-rapport ta' kull sessjoni tal-aċċess joħroġ ċar illi l-andament ta' dawn is-sessjonijiet tal-aċċess huwa wieħed pożittiv. Il-missier juri affezzjoni lejn il-minuri, huma jilgħabu u jieħdu gost flimkien. Ġie nnutat ukoll madanakollu illi l-missier ta' sigwit jieħu telefonati waqt l-aċċess minkejja li l-aċċess huwa ta' darba fil-ġimgħa.

Naomi Bellotti reġgħet xhedet fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2019 (fol. 226 et. seq) fejn infurmat lil Qorti li l-aċċess kien għadu sejjer tajjeb iżda rraportat illi l-

missier kien jirċievi numru kbir ta' telefonati waqt l-aċċess. Għalkemm ħafna minnhom idumu ftit sekondi, kien hemm dawk il-ftit telefonati li damu madwar għaxar minuti. Irraportat ukoll li kien hemm ftit drabi fejn il-ġenituri tal-attriċi kienu preżenti fil-lok tal-aċċess għalkemm fil-bogħod. Xehdet kif raw affezzjoni waqt is-sessjoni bejn il-minuri u l-missier. Ġie rraportat ukoll illi waqt l-aċċess tat-8 t'Ottubru 2018, it-tifla bdiet tgħid diskors lil missierha li l-professjonista li kienet qed takkumpanjahom indikat li kien tal-adulti bħal li kien sejjer il-ħabs u li kien isawwat u ma jġibx rigali. Qaltlu wkoll li kienet rat *video* tiegħu jsawwat lill-ommha. Hekk kif waslu l-bandli bdew jilgħabu flimkien u t-tifla uriet affezzjoni normali lejn missierha. Ippreżentat *records* ta' kull sessjoni ta' aċċess liema *records* jagħtu stampa ta' andament pożittiv waqt l-aċċess, fejn il-missier u t-tifla jilgħabu flimkien u jieħdu pjaċir bil-kumpanija ta' xulxin. Dettalji saljenti minn dawn ir-*records* jinkludu li darba MM u ommha għaddew bil-karozza mill-post tal-aċċess u drabi oħra fejn għadda s-sieħeb tagħha, f'waħda mill-viżti l-minuri qalet lill-missier li ommha kienet qaltilha li hu mhux missierha, kien hemm viżti fejn in-nanniet paterni ppruvaw jattendu wkoll imma twaqqfu mis-*supervisor*, fil-viżta tas-6 ta' Diċembru 2018 il-minuri qalet li torqod bejn ommha u s-sieħeb tagħha Godwin. Waqt is-sessjoni tad-9 ta' Marzu 2019 (fol. 289) l-omm allegat li l-minuri ma ridetx tattendi għall-aċċess u qalet li ħaddiema tal-Appoġġ li minkejja li l-konvenut ikun kalm waqt l-aċċess, il-minuri xorta tiftakar kemm kien aggressiv magħhom fil-passat. Minkejja din il-komunikazzjoni l-aċċess kien bħas-soltu ladarba l-omm telqet mill-post. Waqt l-aċċess tas-27 t'April 2019, il-minuri bidlet l-atteġġjament tagħha hekk kif rat lill-ommha fil-viċinanzi iżda l-missier adatta l-interazzjoni tiegħu billi għad ikellimha ġol *playground* innifsu.

6. <u>Ċertifikati tal-kondotta tal-familja paterna</u> (fol. 216 et seq.) li kollha juru li l-membri tal-familja tal-konvenut kollha għandhom kondotta nadifa.

7. <u>Kopji tal-mamma tal-ktieb taċ-ċekkijiet</u> (fol. 562) li juru l-ammonti li l-konvenut ħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi fis-sena 2018 bħala taxxa fuq id-dħul tiegħu. Juru wkoll ħlas ta' kirja fl-ammont ta' erba' mija tnejn u tletin euro (€432) lil Kasem. Juru wkoll ħlas għall-iskola tal-minuri għall-ewwel perjodu skolastiku fl-ammont ta' erba' mija u erbgħin euro (€440) u għat-tieni perjodu skolastiku tas-sena 2017 fl-ammont ta' ħames mija wieħed u disgħin euro u erbgha u ergħin

ċentenżmu (€591.44). Juru wkoll pagamenti għall-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali tal-impjegati. L-istess mamma turi wkoll pagament ta' sbatax-il elf, sebgħa mija u ħamsin euro (€17,750) li hija deskritta bħala l-10% mill-valur li tħallas bħala depożitu lil Joe Farrugia f'Ġunju tas-sena 2015. Iċ-ċekk sussegwenti kien il-ħlas tat-taxxa bir-rata ta' 1% u li ammontat għal elf seba' mija ħamsa u sebgħin euro (€1775) u hemm imniżżel fid-dettalji li huwa l-pagament tat-taxxa fuq plot 9 (fol. 623). F'Marzu 2015 jidher li tħalset ukoll taxxa bir-rata ta' 1% fuq plot 3 fl-ammont ta' elf ħames mija u sebgħin euro (€1570) kif ukoll l-ammont ta' ħmistax-il elf u seba' mitt euro (€15,700) bħala l-ammont ta' 10% mill-valur totali ta' plot 3 fis-Siggiewi.

8. <u>Nota eżebita minnu bis-segwenti dokumenti</u> (fol. 781 et seq.):

   a. Formola tat-taxxa fuq id-dħul tas-sena 2018 (fol. 782) li turi profitt ta' tmienja u għoxrin elf, tlett mija wieħed u għoxrin euro (€28, 321) qabel it-taxxa.
   b. Formola tat-taxxa fuq id-dħul tas-sena 2019 (fol. 790) li turi profitt ta' sittax il-elf, erba' mija disgħa u tmenin euro (€16,489, 321) qabel it-taxxa.
   c. Formola tat-taxxa fuq id-dħul tas-sena 2020 (fol. 795) li turi profitt ta' sbatax-il elf, mitejn u ħdax-il euro (€17,211) qabel it-taxxa.
   d. Kopja tal-iskrittura ta' kera tal-barriera lil Mohamed Kasem (fol. 799) fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin euro (€45) għal kull jum fl-ewwel ħames (5) snin u ħamsin euro (€50) għal kull jum għat-tieni ħames snin.
   e. Riċevuta li l-konvenut ħallas lill-ġenituri tiegħu kirja fi flus kontanti tal-barriera u tal-garaxx fl-ammont komplessiv ta' elf u erba' mitt euro (€1400) għal xahar wieħed fl-2017 (fol. 808).
   f. Kopja tal-ktieb taċ-ċekkijiet li kien irċieva l-konvenut fil-ġestizzjoni tan-negozju tiegħu (fol. 810).

9. <u>Ix-xhieda ta' Joseph Debono-Meli in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa</u> li ngħatat fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Mejju 2022 (fol.830 et seq.) fejn ġew eżebiti kopji tal-formoli tat-taxxa fuq id-dħul tal-konvenut mis-sena 2015 sa 2021.

10. <u>Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*</u> li

ngħatat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar il-5 ta' Lulju 2023 (fol. 1113 et seq.) li eżebixxiet rendikont tal-kont bankarju tal-attriċi. Il-Qorti tinnota li fil-kont bankarju tal-attriċi kien hemm depożitu ta' tnejn u sebgħin elf u ħames mitt euro (€72,500) fis-sena 2018, li kollha nġibdu mill-kont. Il-konversazzjoni tindika li l-familja tal-konvenut jafu li l-konvenut jagħti priorita' assoluta lix-xogħol u li hu negliġenti fejn tidħol bintu.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti rat is-sekwenza ta' rikorsi u risposti ntavolati fl-atti tal-proċeduri odjerni u d-digrieti sussegwenti għall-istess atti. In sussint, kien hemm is-segwenti:

1. Rikors b'urġenza ntavolat mill-konvenut fit-12 ta' Diċembru 2018 (fol. 2 tar-Rikors 205/2018/2) li permezz tiegħu huwa talab illi l-minuri ma tiġix esposta għal terzi individwi inkluz is-sieħeb tal-omm Godwin Azzopardi u dan wara li l-minuri infurmatu waqt l-aċċess taħt superviżjoni illi hi kienet torqod bejn ommha u dan it-terz.
2. Rikors intavolat mill-attriċi fil-11 ta' Frar 2019 (fol. 1A tar-Rikors 205/2018/3) li permezz tiegħu talbet illi l-manteniment maqbul fl-ewwel seduta ta' dawn il-proċeduri jiġi awmentat wara li din il-Qorti tikkonsidra l-assi kollha tal-konvenut. L-attriċi resqet provi dokumentarji tad-diversi artijiet li jappartjenu lill-konvenut, kif ukoll resqet prospett ġuramentat tal-ispejjeż tal-minuri. Din il-Qorti rat tali prospett u tara li bejn l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni mensili u dawk annwali, l-attriċi iddikjarat li sehem kull ġenitur huwa dak ta' erba' mija u erbgħin euro (€440) fix-xahar. F'dak l-istadju ma ssemmix li l-minuri tattendi xi attivita extrakurrikulari. Il-konvenut ma weġibx għal dan ir-rikors u fis-seduta li r-rikors ġie appuntat għas-smigħ u ċjoe dik tat-8 ta' Marzu 2019 ġie deċiż li r-rikors jiġi trattat kontestwalment mal-proċeduri odjerni.
3. Rikors b'urġenza ntavolat mill-konvenut fit-3 ta' Diċembru 2019 (fol. 347) li permezz tiegħu talab aċċess addizzjonali f'lejliet il-Milied għalih u għall-membri tal-familja tiegħu.
4. Rikors ntavolat mill-konvenut nhar it-23 ta' Diċembru 2019 (fol. 355) sabiex l-aċċess li kien talab qabel il-Milied jiġi eżerċitat lejliet l-Ewwel tas-Sena u dan minħabba li l-attriċi kienet ikkanċellat l-aċċess sabiex allegatament ma tiġix

notifikata bir-rikors tal-konvenut.

5. Rikors intavolat mill-konvenut CC  nhar l-24 ta' Frar 2020 (fol. 2 tal-proċess 205/2018/4) li permezz tiegħu talab li ma jibqax jara lil bintu minuri taħt is-superviżjoni tad-Direttorat Kura Alternattiva iżda jiġi taħt moniteraġġ, li jkollu aċċess matul il-ġimgħa u ieħor fi tmiem il-ġimgħa b'mod alternanti u li l-attriċi tiġi ordnata tikkonsulta mal-missier dwar deċiżjonijiet tal-minuri;
6. Rikors intavolat mill-attriċi nhar l-14 t'ottubru 2022 (fol. 927) sabiex il-minuri tibda tattendi terapija filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat jattendi kors sabiex jikkontrolla r-rabja tiegħu. Hija talbet ukoll li jiġi maħtur id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex jinvestiga diversi rakkonti tal-minuri. Din il-Qorti ordnat illi l-aċċess jerġa' jkun taħt moniteraġġ mid-Direttorat Kura Alternattiva għal perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021 din il-Qorti neħħiet is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ u ordnat li għandu jkun hemm moniteraġġ minflok filwaqt li nżammu l-istess ġranet u ħinijiet tal-aċċess.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, wara li kkunsidrat ir-rapport tad-Direttorat.

Kura Alternattiva tat-22 t'April 2022, irrevokat is-superviżjoni u l-moniteraġġ waqt l-aċċess tal-konvenut għal bintu b'dan li żammet fis-seħħ il-kundizzjonijiet l-oħra li l-minuri ma tittiħidx għand in-nanniet paterni u li l-minuri tinġabar u titwassal quddiem l-Għassa ta' Ħal Qormi.

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 xehdet l-attriċi li l-konvenut kien ilu xahar ma jeżerċitax l-aċċess u dan meta min-naħa tagħha qatt ma kienet ikkanċellat sessjonijiet. Kien hemm drabi fejn lanqas informa lil ħadd li ma kienx sejjer għall-aċċess.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proċeduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi jiġu regolati l-aspetti relattivi għall-minuri bint il-partijiet;

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana *ai termini* tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex* **tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet** ***'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested***

---

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ġie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied***

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, il-ġenituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija

[8] Enfazi tal-Qorti.

tal-ulied. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied huwa kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u***

> ***titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***
>
> ***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, ingħad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti fliet l-atti u l-evidenza kollha li nġabet miż-żewġ partijiet. L-attriċi fil-proċeduri odjerni ssostni illi matul il-ħames (5) snin relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija ġiet assoġġetta għall-abbuż fiżiku, emozzjonali u finanzjarju mingħand il-konvenut. Din il-Qorti tqis illi l-attriċi rnexxilha tipprova sodiċfaċentement dak allegat minnha u għalhekk il-Qorti tqis il-verżjoni tagħha bħala aktar verosimili.

Da parti tiegħu l-konvenut jiċħad illi kien jabbuża mill-attriċi iżda bl-ebda mod ma ttenta jikkontradixxi l-provi mresqa mill-attriċi. Inoltre l-konvenut u l-familjari tiegħu lanqas kienu konsistenti fix-xhieda tagħhom. Fir-rigward tal-abbuż, jiċħdu li dan sar

**meta fir-*recording* li ġie ppreżentat omm il-konvenut tammetti illi kienet taf li ġieli refgħa jdejh fuq l-attriċi u li l-minuri m'għandhix tort u li ħu l-konvenut ma kienx aħdar daqs ħuh.** Fir-rigward tal-assi tal-konvenut, missier il-konvenut qal illi kien imur jgħin lill-konvenut **b'xejn**, omm il-konvenut qalet li **kien imur jaħdimlu.** Fil-waqt li l-konvenut xehed illi ommu u missier kienu selfuh il-flus biex jixtri l-art fis-Siggiewi iżda minflok kien ser iħallashom permezz ta' garaxx meta jiżviluppa, omm il-konvenut xehdet li kien itihom xi ħaġa tal-flus kontanti fix-xahar biex iħallashom lura. Missier il-konvenut qal li **kien jikrilu l-barriera** iżda imbagħad **ġie ppreżentat att ta' donazzjoni tal-barriera** lill-konvenut u lil ħuħ.

Din il-Qorti ukoll tara inkonsistenza fil-provi fejn jidħol id-dħul tal-konvenut. Mill-formoli uffiċjali tat-taxxa jidher illi l-konvenut jiddikjara profit ta' mhux aktar minn għoxrin elf euro (€20,000) iżda mill-provi joħroġ li għandu numru ta' impjegati, numru ta' trakkijiet u inġenji, appartamenti li ġew mibnija fil-mori tal-proċeduri ġewwa s-Siggiewi, garaxxijiet li kien jikri, biċċa mill-barriera li wkoll għamel żmien jikri. Irriżulta li l-konvenut għandu l-flus imfaddlin minkejja dan l-investiment kollu. Jgħid illi issellef mingħand ħabib tal-familja u mingħand il-ġenituri tiegħu iżda minkejja dan l-allegat dejn, kellu biżżejjed biex jixtri u jiżviluppa u jkompli bil-ġestizzjoni tal-barriera.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tawmenta l-manteniment u l-kontribuzzjoni tal-missier lejn bintu minuri. Sal-aħħar tal-proċeduri, l-uniku kontribut li l-konvenut missier kien qed jagħti kien il-ħlas tal-manteniment u dan għaliex anke l-aċċess iddeċieda li jwaqqaf minn rajh u għalhekk din l-unika kontribuzzjoni lejn it-trobbija tal-minuri għandha tkun waħda adegwata skont in-neċessitajiet tal-minuri li din il-Qorti kkwantifikat f'erba' mija u erbgħin euro (€440) fix-xahar minn kull ġenitur skont il-prospett ġuramentat ippreżentat mill-attriċi kif ukoll skont il-mezzi (mhux l-introjtu) tal-ġenituri.

Din il-Qorti tfakkar illi dawn il-proċeduri kienu sabiex jiġu regolati l-aspetti relattivi tal-minuri u mhux separazzjoni bid-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan qiegħed jingħad għaliex ħafna mill-provi li nġiebu kienu jkunu wisq aktar adegwati li kieku kien hemm kommunjoni x'tinqasam milli sabiex jiġi stabbilit l-*quantum* adegwat għall-manteniment tal-minuri.

Fir-rigward tal-aċċess, din il-Qorti tara illi fl-atti tal-medjazzjoni l-konvenut missier kien ġie konċess aċċess għall-minuri taħt superviżjoni. Wara li d-Direttorat responsabbli minn dan is-servizz daħħal diversi rapport għall-attenzjoni ta' din il-Qorti li kienu juru li l-andament tas-sessjonijiet tal-aċċess kien dejjem pożittiv, din il-Qorti kkonċediet lill-konvenut missier illi l-aċċess isir taħt moniteraġġ minflok superviżjoni taħt il-kundizzjoni li l-minuri ma' titteħidx il-barriera tal-konvenut. Eventwalment kien hemm aċċess liberu taħt l-istess kundizzjonijiet. **Madanakollu l-minuri żvelat li kienet ittieħdet ġewwa l-barriera u kienet ittellgħet fuq il-gaffa flimkien ma' ħuha ż-żgħir**. L-attriċi talbet li din id-dikjarazzjoni tiġi nvestigatha iżda l-konvenut ħadha *di petto* u waqaf imur jiġbor lill-minuri għall-aċċess. Għalhekk fl-aħħar snin tas-smigħ tal-proċeduri ma kienx qed jinżamm aċċess. Il-missier xehed illi kien ħa din id-deċiżjoni minħabba li ħass li l-omm kienet qed taqla' l-argumenti u tagħmel dikjarazzjonijiet foloz sabiex tbiegħdu minn ma' bintu u kien għalhekk li ħass li kien ikun aħjar jekk jallontana ruħu. Din il-Qorti tqis illi bħala ġenitur responsabbli u jekk verament kellu l-aħjar interess tal-minuri għal qalbu, il-konvenut kellu jirribatti d-dikjarazzjonijiet tal-omm u jkompli jiġġieled sabiex jissokta fir-relazzjoni ma' bintu. Bil-fatt li waqqaf ir-relazzjoni ma' bintu hija l-minuri li batiet l-abbandun ta' missierha.

*Di piu'* il-Qorti tħares lejn l-imġieba tal-missier waqt l-aċċess. Għalkemm il-missier kien jagħmel attivitajiet mal-minuri waqt l-aċċess b'dan li l-andament li ġie rrapurtat kien dejjem wieħed pożittiv, il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt li l-missier ma setgħax iwarrab ix-xogħol **għal sagħtejn matul il-ġimgħa** biex jagħti attenzjoni assoluta lill-minuri b'dan li waqt l-aċċess kien jieħu numru eċċessiv ta' telefonati. Minkejja li dawn it-telefonati ma kienux ikunu fit-tul xorta kienu jtelfu l-attivitajiet li kien ikun qed jagħmel mal-minuri u mill-attenzjoni tiegħu. Bl-istess mod, meta l-missier iltaqa' ma' ħabib tiegħu huwa għamel ħin twil jitkellem miegħu minkejja l-ħin limitat li hu kellu ma' bintu. Din il-Qorti tqis ukoll il-fatt li ħafna drabi l-missier kien jasal tard għall-istess aċċess u li kien saħansitra jmur bil-ħwejjeġ tax-xogħol u **għalhekk joħroġ ċar in-nuqqas ta' mportanza li l-missier kien jagħti lil ħin ma' bintu u għalih kien imur għall-aċċess minħabba l-proċeduri quddiem din il-Qorti.** Min-naħa l-oħra l-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-attriċi li l-missier kien jaħti ta' negliġenza meta weġġħet il-minuri waqt l-aċċess u dan minħabba l-fatt li aċċidenti jiġru

meta tfal ikunu qed jilgħabu u tant kemm kien accident li lanqas il-ħaddiema tad-Direttorat li kienet qed tagħmel is-superviżjoni ma rnexxilha twaqqaf tali nċident.

Meta din il-Qorti tieħu kollox in konsiderazzjoni tasal sabiex tiddeċiedi li l-aċċess tal-missier għall-minuri għandu jibqa' sospiż b'dan illi kemm-il darba l-minuri turi x-xewqa li jkollha kuntatt ma' missierha u l-konvenut ikun dispost jew il-konvenut jiddeċiedi li jrid aċċess għal bintu, dan għandu jattendi numru ta' sessjonijiet ma' psikologa l-ewwel. L-irwol ta' tali professjonista jkun illi terġa' tintroduċi lill-missier f'ħajjet il-minuri u tindirizza kwalunkwe emozzjonijiet li din il-bidla taf iġġib magħha. Is-sessjonijiet ma' tali professjonista għandhom ikunu a karigu esklussiv tal-missier u tkun il-professjonista nnifisha li tiddeċiedi kemm-il sessjoni jkun hemm bżonn qabel l-aċċess jibda jiġi eżerċitat b'mod liberu mill-missier. **Kemm-il darba l-partijiet jaslu f'dan l-istadju, il-missier jibqa' projbit milli jieħu lill-minuri l-barriera jew f'postijiet qrib l-inġenji tiegħu.**

In vista tal-fatt illi l-missier mhux preżenti f'ħajjet il-minuri u li għalhekk hija l-omm li hija responsabbli mit-trobbija tal-minuri MCM, ikun ferm aktar prattiku għall-omm illi tiġi vestita unikament bil-kura u l-kustodja tal-minuri, b'dan li l-omm xorta tibqa' taħt l-obbligazzjoni li tinforma lill-missier b'kwalunkwe avvenimenti mportanti fil-ħajja tal-minuri, b'inċidenti jew mard tal-minuri u kemm-il darba tiġi biex issiefer bil-minuri.

**Ghaldaqstant għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri MCM tkun fdata f'idejn l-attrici, u tordna li l-attrici tieħu deċiżjonijiet kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk straordinarji kollha relatati ma' saħħa, edukazzjoni, attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri u ħruġ jew tigdid ta' passaport taghha mingħajr il-kunsens, firma jew presenza tal-konvenut.**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi primarjament mal-attriċi omm;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tissospendi l-aċċess stante t-trapass tax-xhur li għaddew mingħajr ma' l-konvenut eżerċita aċċess għal bintu u tordna li l-aċċess jerġa' jibda bl-intervent ta' psikologa kif spjegat aktar 'il fuq;**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' ħames mitt euro (€500) fix-xahar liema ammont jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' sahh, edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari tal-minuri u kwalunkwe arretrati fil-ħlas ta' tali spejjeż. Dan il-manteniment jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk tibda taħdem fuq bażi *full-time* jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tibqa' tistudja jew sakemm tlesti minn tali studju skont liema waħda tavverra ruħħa l-ewwel. Tali ammont għandu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar permezz ta' *standing order*; dan il-manteniment ghandu jawmenta kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u l-attrici ghandha tippercepixxi wahidha l -beneficcju socjali moghtija mill-Istat lit-tfal minuri, inkluz ic-*children's allowance;***
5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames tala stante decide numru 4;**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna illi l-passaport tal-minuri għandu jinżamm mill-Omm u għandha tkun l-attriċi Omm li tiddeċiedi dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola, attivitajiet familjari u edukativi kif ukoll attivitajiet extrakurrikulari. Kemm-il darba l-konvenut missier jerġa; jibda jeżerċita aċċess kif stabbilit aktar 'il fuq bl-intervent ta' professjonista, hu jkollu d-dritt li jattendi għall-attivitajiet tal-iskola u tal-attivitajiet extra-kurrikulari.**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat u t-talbiet tal-intimat fil-kontro-talba u l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat qed jigu michuda jew milqugha skond id-decide fuq indikat.**

**L-ispejjes jkunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**